KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 98

It-tmienja u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 6 ta' Mejju 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku (daħal 19:16) |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Cataldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Dep. Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.19 b'din l-Agenda:*

*98.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*98.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*98.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*98.5 Rapporti;*
98.6 Approvazzjoni ta' Bye Laws
*98.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*98.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*98.9 Mozzjonijiet ;*
*98.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 98.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

98.1.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera M. Briguglio, L. Cassar Shaw u N. Castaldi Paris. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 98.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

98.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tas-seduta 95_28 ta' Marzu 2019 għall-approvazzjoni.

98.2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 95.3.11 u talab li ssir korrezzjoni fit-tieni frazi 'kien hemm siġar taz-zebbuġ li se jkunu qegħdin jingħataw lit-tliet paroroċċi. Kien hemm qbil ukoll li dawk is-siġar taċ-Ċipress li hemm ' u tkompli kif kienet.

98.2.3 Intalbet korrezzjoni f'punt 95.5.6 biex tizdied il-kelma 'mhux fil-frazi kif ġej: 'kif il-*contracts manager* mhux qiegħed jirraporta n-nuqqasijiet mill-kuntratturi dwar il-kostruzzjoni.'

98.2.4 Il-kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni tal-minuti 95 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti.

98.2.5 Is-Sindku ressaq il-minuti tas-seduta 96 (kontinwazzjoni mis-seduta 95) għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli propona. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mil-

Kunsilliera prezenti.

98.2.6 Is-Sindku ressaq il-minuti tas-seduta 97 (kontinwazzjoni mis-seduta 96).

98.2.7 Il-Kunsillier P. Radmilli talab korrezzjoni f'punt 97.6.1 biex tizdied il-frazi kif ġej: Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-parkeġġ jintuza biss mill-karozzi elettriċi, kif ukoll li jkun hemm perċentwal ta' parkeġġ għar-residenti biss. Ma kienx hemm qbil fuq dawn il-punti.

98.2.8 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 97.8.2 u tizdied il-frazi kif ġej: ' Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li l-perit jibgħat BOQ u jkollna idea tal-ammonti tal-proġetti kollha. Is-Sindku qal illi għandna naraw x'jgħid il-kuntratt tal-perit.

98.2.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li ssir korrezzjoni f'punt 97.10.5 u tizdied parti mil-frazi kif ġej : ''ziedet illi dejjem għamel xogħlu sew'

98.2.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina proponiet l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni mil-kunsilliera prezenti.

**98.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

98.3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-kuntratt tal-*contracts manager* u saqsa kif qiegħed il-kuntratt dwar ir-rapporti fuq il-kostruzzjoni. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li kif qiegħed bħalissa huwa li jmur on *request*. Il-Kunsillier J. Pillow qal li mhux hekk kellu jkun fil-kuntratt. Il-Kunsililer P. Radmilli qal li issa l-Kunsill irid jimxi mall-kuntratt li hemm. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill ikollu persuna impjegata apposta biex tiffoka fuq kontroll tal-kostruzzjoni. *Contracts manager*

98.3.2 Is-Sindku reġa rrefera għall-problema tal-ħamiem u jinnota li min jirraporta ikun hu stess li jkun qiegħed jitma' lil-ħamiem. Kien hemm qbil li l-Kunsill iwaħħal tabelli 'Do Not Feed the Pigeons' mal-arbli ezistenti. Eventwalment uffiċċjal tal-infurzar ikun jista jħarrek la darba jkun hemm l-avviz. *Hamiem*

98.3.3 Is-Sindku reġa fakkar li l-Kunsill kien irrakkomanda li jinħareġ tender għalih għad-dwal tat-toroq u mhux kif kien mal-kumitat konġunt. *Tender – dwal tat-toroq*

98.3.4 Is-Sindku ikkonferma li wara li kienet tagħat ir-rizenja l-ex impjegata, l-impjegati li huma fuq permessi baqgħu bl-istess skala li kienu minkejja li assemew iktar responsabbiltajiet. Il-Kunsill qiegħed fil-proċess li jimpjega skrivana oħra. Il-Kunsill ġie infurmat li qegħda tkun diffiċli biex nimpjegaw lil xi ħadd minħabba li l-volum tax-xogħol huwa kbir u l-paga mhux attraenti. Filfatt il-Kunsill qiegħed jistenna risposta mill-persuna li kellna interview magħha, jekk hux interessata li tibda jew le. Il-Kunsilliera J. Pillow u M. Aquilina saqsew jekk il-Kunsill jistax joħroġ sejħa għall-skala aħjar biex forsi jkun hemm aktar min jitħajjar. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa li hemm proċedura sħiħa fejn l-ewwel ikun hemm *internal call*, is-sejħa tintbgħat lill-Kunsilli Lokali kollha, lista mill-ETC ecc. *Post vakant ta' skrivan/a*

98.3.5 Il-Kunsill qabel ukoll li sadanittant jista jinbeda l-proċess għal post ta' Segretarju Ezekuttiv. *Post vakant ta' Segretarju Ezekuttiv*

98.3.6 Dwar punt 95.5.7 dwar tindif tat-toroq, il-Kunsill innota li sar ftit tal-progress għalkemm dejjem ikun hemm fejn is-servizz jista jkun aħjar. *Tindif tat-toroq*

98.3.7 Is-Sindku informa li għad hemm *issue* minħabba l-persuna li qiegħed joqgħod fil-lattrina. Il-pulizija reġgħu ġew infurmati b'dan il-kaz. *Latrina Gnien Indipendenza*

98.3.8 Il-Kunsill irċieva talba biex jitpoġġew *cubical toilets* min-naħa tal-MTA fuq il-*promenade* minn issa sas-Sajf minħabba li l-latrina ta' Ferro Bay magħluqa. *Cubical toilets fuq il-promenade*

*Daħal il-Viċi-Sindku fis-19.16*

Il-Kunsillier J. Pillow ma tantx qabel għaliex jibza li jibqgħu maħmuġin u ma jkunux mizmuma sew. Il-Kunsill qal li tal-inqas irid ikun hemm *attendant* magħhom bi ħlas. Il-Kunsill qabel li jitpoġġew la darba temporanji u li jinzammu noddfa.

*Is-Seduta ġiet sospiza fis-19.28 sabiex l-accountant tal-Kunsill jispjega l-audited financial statements. Is-Seduta kompliet fis-19.54.*

98.3.9 Il-Kunsill approva l-aġġustamenti tal-awdituri. Is-Sindku resaq għall-approvazzjoni l-*audited financial statements*. Il-Kunsillier J. Pillow propona, il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil *Approvazzjoni – Audited Financial Statements*

fost il-Kunsilliera prezenti.

98.3.10 Is-Sindu informa li l-Kunsill irċieva l-kontijiet tal-perit David Vassallo li l-Kunsilli kien ilu jitlob tax-xogħlijiet li kien għamel meta kien il-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill dejjem kellu jħejji stima biex jitnizzlu fil-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jivverifika dawn il-kontijiet minħabba li għaddew ammont ta' snin, qabel ma jitħallsu. *Kontijiet – Perit David Vassallo*

98.3.11 Il-Kunsill ġie infurmat li irċieva ittra mill-Lands Authority fejn qiegħed jibgħat 'no objection' għall-proposta ta' *Tourist Information Centre*. *Tourist Information Centre*

98.3.12 Kien hemm qbil li jerġgħu jsiru l-lezzjonijiet tas-Sajf tal-Ingliz u Malti għat-tfal. Il-Kunsill se jkun qiegħed jissussidja parti mill-ammont għal kull student. *Lezzjonijiet fis-Sajf*

98.3.13 Il-Kunsill ressaq talba minn San Girgor sabiex titella attivita fil-11 ta' Mejju, 2019 quddiem il-kazin u qegħdin jitolbu li tingħalaq it-triq. Kien hemm qbil li ssir din l-attivita b'kundizzjoni li l-muzika tieqaf sal-10.30pm u jridu jitolbu permessi neċessarji mil-pulizija. Kien hemm qbil ukoll li apparti Triq Depiro (quddiem il-kazin) tingħalaq ukoll parti minn Triq Nicolo Isouard minħabba sigurta għan-nies li jkunu fil-kantuniera ma Triq Depiro. *Attivita San Girgor*

## 98.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

98.4.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace u M. Aquilina infurmaw li se jkunu qegħdin jorganizzaw ħarġa għall-anzjani għall-Għawdex fit-22 ta' Mejju 2019. Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li l-Kunsill jissussidja parti mill-ammont għal din id-darba. *Harġa għall-Għawdex*

*Il-Kunsillier D. Muscat daħal għas-seduta fit-20.28*

Kien hemm qbil li jkun hemm *capping* għal madwar Ewro 600.

## 98.5 RAPPORTI

98.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 98.6 APPROVAZZJONI TA' BYE LAWS

98.6.1 Il-Kunsillier P. Radmilliipprezenta kopji ta' *bye laws* li ġew formolati mill-avukat. Dawn huma fuq: *Booths, Catering Establishments (Outdoor Space), Sealed and Secure Waste, Outdoor Actvities, Advertising Vehicles, Unsolicited mail. 'Doc 'A' iprrezentati mal-minuti'.* Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk dawn jistgħux jintbgħatu permezz ta' email. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-kaz dawn jintbgħatu b'email u kull kunsillier ikollu ċans jibgħat kummenti fi zmien ġimgħa. Kien hemm qbil dwar dan. Id-deputat Segretarju Ezekuttiv qal li xorta jkun irid issir *public consultation*. Il-Kunsilier P. Radmilli fakkar li diġa kien hemm approvazzjoni fil-Kunsill biex jinbeda l-proċess għal dawn il-*bye laws*.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq is-seduta fit-20.40*

Il-Kunsillier P. Radmilli ta' spjegazzjoni fuq kull *bye law*. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-Kunsill jistax jinkludi *kiosks* ma' dik ta' *ticketing booths*. Gie infurmat li din triq tkun *bye law* għalija.

**98.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

98.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mil-Ing. Xuereb mid-Dipartiment ta' Works and Infrastructure dwar *hand over* ta' funtani. Il-Kunsill irid jara li jkun jista jieħu responsabbilta' tagħhom la darba jkunu jaħdmu kif suppost. *Funtani*

98.7.2 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bzonn li jerġgħu jiġu rrifriskati l-linji tat-toroq forsi il-*handyman* jibda jdurhom ftit ftit wara nofs in-nhar. *Linji tat-toroq*

98.7.3 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li jsiru l-linji bojod (fin-nofs tat-triq) fi Triq it-Torri minħabba li għadu kif sar il-*patching* biex jiġi evitat periklu. *Triq it-Torri*

98.7.4 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li hemm bzonn li l-kunsill ikollu *handyman* u jkun on call 24 hours li jkun b'kuntratt. Il-Kunsill qabel li għandu jinbeda l-proċess. *Handyman*

98.7.5 Il-Kunsillier P. Portelli talab biex imqar jibdew jitħawlu s-siġar tal-proġett fi Triq Dingli biex il-proġett jitkompla u jibda jiġi finalizat. Il-Kunsillier Portelli qal ukoll li għad baqa ħafna pots (in-naħa ta' Don Rua) li jridu jitneħħew dawk is-siġar li kienu ġew imħawwla mit 34U u jiġu trassferiti x'imkien ieħor. *Proġett fi Triq Dingli*

98.7.6 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-kuntratt tal-*contracts manager* u spjega kif jista jsir aktar spezzjoni fuq il-knis. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal li l-jrid isir pjan aħjar għas-servizz tal-knis. *Knis*

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fid-21.27*

98.7.7 Is-Sindku informa li l-Kunsill għandu stedina minn Bialystok f'Gunju 2019. Huma intitolati li jmorru zewġ kunsilliera oħra apparti s-Sindku. Is-Sindku qal li lest li jċedi l-post tiegħu lill-Kunsillier/a ieħor. Il-Kunsilliera J. Pillow, P. Portelli, D. Muscat u V. Galea Pace urew l-interess li jmorru. Il-Kunsill irid jara min se jmur u se jkun qiegħed isaqsi wkoll lill-membri li mhumiex prezenti f'din il-laqgħa. *Bialystok*

98.7.8 Il-Kunsillier J. Pillow informa dwar *CSR* li jrnexxilu jġib għall-irranġar ta' latrini pubbliċi u spjega kif se jkunu l-aċċessorji moderni għall-latrini ta' Gnien Indipenenza u ta' fejn it-Torri. Dan il-proġett se jkun qiegħed jibda dalwaqt. *Lattrini Pubbliċi*

98.7.9 Is-Sindku informa li se jkun qiegħed isir xogħol tat-taraġ f'xi partijiet tal-Gnien u li lesti li jnaddfu l-funtana wkoll. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa x'se jkun il-materjal għax qal li blokki faċli li jinqalgħu u l-aħjar ikunu ikbar. *Xogħol fil-Gnien*

98.7.10 Is-Sindku fakkar li kellhom jitpoġġew it-tlett slielen madwar il-kosta li jibqgħu hemm matul is-sena. Wieħed irid jara l-materjal li se jkun minħabba l-maltemp u d-dizinn kif l-aħjar li jkun. *Slielen tal-baħar*

98.7.11 Il-Kunsillier D. Muscat qal li l-grada ta' Muscat Lane saret u fakkar li għad fadal il-problema tal-ilma. Is-Sindku għaddej b'komunikazzjoni dwar din il-problema. *Muscat Lane*

*Dan il-punt ġie pospost biex jiġu approvati l-pagamenti.*

## 98.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

98.8.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 3 pagabbli lil Freemond dwar l-*insurance excess* tal-inċident ta' *Council cab*, u saqsa jekk kienx hemm dak ħsara li l-kunsill ridt iħallas l-*excess*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-karozza mhiex taħt ir-responsabbilta tagħna peress li mikrija u jista jkun li kien hemm ħsara fil-karozza l-

oħra ma min ġara l-inċident.

98.8.2 Il-Kunsillier J Pillow irrefera għall-pagament numru 64 ta' xogħol li sar *Sliema Torri Playing fields* mis-Sur Alfred Green u qal li hemm xi affarijiet li għad iridu jsiru b'mod aħjar. Is-Sindku qal li diġa infurmah li l-*gate* trid tinbidel. Kien hemm qbil li l-kont jinzamm *on hold* sakemm ix-xogħol isir sew.

98.8.3 Il-Kunsill innota l-kont tal-ARMS numru 45, għaliex l-ammont tal-konsum tal-ilma għal Pjazza Sant'Anna huwa eċċessiv. (Eur 13809.23) Il-Kunsill kiteb lil ARMS dwar dan u informa lill-kuntrattur tal-funtani tal-ilma ħalli naraw hemmx ħsara. Il-Kunsill qabel li jzomm dan il-pagament *on hold*.

98.8.4 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagamenti 66 dwar siġar għal Triq Dingli, il-Kunsillier Radmilli fakkar li dawn iridu jiġu rifonduti mil-UIF.

98.8.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament numru 69 pagabbli lil ELC u irrefera għall-parti mill-ammont tal-invoice ta' Eur 1500 dwar biex jitneħħew siġar mil-*concrete planters* u jitħawwlu post ieħor. Kien hemm qbil li l-kont jinzamm *on hold* sakemm jitlesta x-xogħol kollu.

98.8.6 Is-Sindku ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni minbarra numri 45, 64, 69 (li huma on hold). Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni. Il-kunsilliera V. Galea Pace ssekondat. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**98.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

*Dan l-item tkompla*

98.7.12 Il-Kunsillier P. Portelli informa li hemm sistema ta' *mapping* biex jiġu indikati fejn qegħdin *dog bins*. B'hekk ikun jista jsir *monitoring* aħjar. *Dog Bins*

98.7.13 Is-Sindku rrimarka li kellu xi ilmenti dwar il-bin li twaħħal fil-viċin tal-Knisja tas-Sacro Cuor. Is-Sindku ikkonferma mal-parroċċa li ma jsibux oġġezzjoni li jibqa hemm. *Bin*

98.7.14 Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka li fuq il-*promenade* hemm in 'Next *bicycles*

Bike' li dawn qegħdin jitilqu jsuqu mil-*promenade* u qal li hemm bzonn li titwaħħal tabella li mhux permessibbli sewqan fuq il-promenade.

98.7.15 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm ħofor fi Triq Windsor (quddiem Windsor Hotel u quddiem 40 Windsor Court'. Hemm ukoll tabella 'Do Not Disturb' mgħawġa biex tiġi irranġata. *Hofor*

98.7.16 Il-Kunsillier P. Portelli ġibed l-attenzjoni li kienet twaħħlet tabella (biex ma jkunx hemm inkonvenjent lir-residenti min-nies li jkunu fil-bar stess) faċċata ta' Reno Bar. Talab biex titressaq u titpoġġa mal-ħajt ta' Reno Bar stess. Kien hemm qbil dwar dan. *Tabella*

98.7.17 Il-Kunsillier P. Portelli ġibed l-attenzjoni li hemm siġra mgħawġa fuq il-promenade (in-naħa ta' Coppini) li qegħda periklu għall-pubbliku. Il-Kunsill għandu jkellem lil ELC. *Siġra*

98.7.18 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill kiteb lil GO biex jitneħħew it-*telephone booths* li m'għadhomx jintuzaw. *Telephone booths*

98.7.19 Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka li hemm bolts (kavilji) ħerġin mill-bankina ta' Triq il-Kbira ma' Triq Amery. Il-Kunsill għandu jibgħat il-ħaddiema. *Triq il-Kbira ma Triq Amery*

98.7.20 Il-Kunsillier P. Portelli talab biex isir *floodlight* maz-Zebra Crossing fi Triq Dingli il-parti ta' fuq. Fuq dan il-punt il-Kunsillier J. Pillow fakkar li trid issir l-uplighter fejn is-siġra. *Zebra Crossing*

98.7.21 Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li jsir *railing* mal-bankina fi Triq it-Torri ma' Triq Sir Luigi Camilleri biex ikun aktar aċċessibbli għall-anzjani. *Railing*

98.7.22 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li kellhom jitwaħħlu tabelli 'This is a historical street name'. Dawn kienu ġew ordnati. *Tabelli*

## 98.9 MOZZJONIJIET

98.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 98.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

98.10 Is-seduta ntemmet fl-22.33 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar

it-Tlieta 11 ta’ Gunju 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 11 ta’ Gunju 2019

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Dep. Segretarju Eżekuttiv** |